# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1021/2014

## tas-26 ta' Settembru 2014

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 [2] jistabbilixxi regoli dwar iż-żieda li għandha sseħħ fil-livell tal-kontrolli uffiċjali fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali elenkati fl-Anness I tiegħu ("il-lista"), fil-punti tad-dħul fit-territorji li hemm referenza għalihom fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jistipula li l-lista għandha tiġi riveduta fuq bażi regolari, u tal-anqas kull tliet xhur, filwaqt li jitqiesu tal-anqas is-sorsi ta' informazzjoni li ssir referenza għalihom f'dak l-Artikolu.

(3) L-okkorrenza u r-rilevanza ta' inċidenti li seħħew dan l-aħħar li involvew l-ikel u li ġew notifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija għall-Ikel u l-Għalf, is-sejbiet ta' awditi f'pajjiżi terzi mwettqa mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju, kif ukoll ir-rapporti ta' kull tliet xhur dwar kunsinni ta' għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, jindikaw li l-lista għandha tiġi emendata.

(4) B'mod partikolari, għall-kunsinni ta' brunġiel, karfus Ċiniż u fażola twila jarda li joriġinaw mill-Kambodja, żerriegħa tal-ġulġlien li toriġina mill-Indja u frott tad-dragun li joriġina mill-Vjetnam, is-sorsi rilevanti ta' informazzjoni jindikaw li tfaċċaw riskji ġodda li jeħtieġu l-introduzzjoni ta' żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali. Għaldaqstant, l-annotazzjonijiet li jikkonċernaw dawn il-kunsinni għandhom jiġu inklużi fil-lista.

(5) Barra minn hekk, il-lista għandha tiġi emendata billi jitħassru l-entrati għall-komoditajiet li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika livell ġenerali sodisfaċenti fil-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza rilevanti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li għalihom ma għadhiex ġustifikata żieda fil-kontrolli uffiċjali. Għaldaqstant, l-entrati fil-lista għal frawli u pomelos iffriżati miċ-Ċina għandhom jitħassru.

(6) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza, huwa xieraq li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jiġi sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

---

[1] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**Għalf u ikel mhux ta' oriġini mill-annimali soġġett għal żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali fil-punt tad-dħul dežinjat**

| Għalf u ikel (l-użu maħsub) | Kodiċi NM [1] | Sottodivi-żjoni TARIC | Il-pajjiż tal-oriġini | Periklu | Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u dwar l-identità u (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Għeneb imnixxef (frott tad-dielja)<br>*(Ikel)* | 0806 20 | | L-Afganistan (AF) | Okratossin A | 50 |
| — Karawett, fil-qoxra<br>— Karawett, bla qoxra,<br>— Butir tal-karawett<br>— Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor<br>*(Għalf u ikel)* | — 1202 41 00<br>— 1202 42 00<br>— 2008 11 10<br>— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 | | Il-Brażil (BR) | Aflatossini | 10 |
| — Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*)<br>— Brunġiel<br>*(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — ex 0708 20 00; ex 0710 22 00<br>— 0709 30 00; ex 0710 80 95 | 10<br>10<br>72 | Il-Kambodja (KH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [2] | 50 |
| Karfus Ċiniż (*Apium graveolens*)<br>*(Ikel — ħxejjex aromatiċi friski jew imkessħa)* | ex 0709 40 00 | 10 | Il-Kambodja (KH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [3] | 50 |
| Brassica oleracea<br>(Brassica oħra li tittiekel, 'Brokkoli Ċiniżi') [4]<br>*(Ikel — frisk jew imkessaħ)* | ex 0704 90 90 | 40 | Iċ-Ċina (CN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [5] | 50 |
| Te, sew jekk aromatizzat jew le<br>*(Ikel)* | 0902 | | Iċ-Ċina (CN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [6] | 10 |

| Għalf u ikel (l-użu maħsub) | Kodiċi NM (1) | Sottodiviżjoni TARIC | Il-pajjiż tal-oriġini | Periklu | Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u dwar l-identità u (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| — Brunġiel | — 0709 30 00; ex 0710 80 95 | 72 | Ir-Repubblika Dominikana (DO) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (7) | 10 |
| — Bettieħ morr (*Momordica charantia*) | — ex 0709 99 90; ex 0710 80 95 | 70 70 | | | |
| *(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | | | | | |
| — Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*) | — ex 0708 20 00; ex 0710 22 00 | 10 10 | Ir-Repubblika Dominikana (DO) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (7) | 20 |
| — Bżar (ħelu u mhux) (*Capsicum* spp.) | — 0709 60 10; ex 0709 60 99 | 20 | | | |
| *(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — 0710 80 51; ex 0710 80 59 | 20 | | | |
| — Lariġ (frisk jew imnixxef) | — 0805 10 20; 0805 10 80 | | L-Eġittu (EG) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (8) | 10 |
| — Frawli (frisk) *(Ikel)* | — 0810 10 00 | | | | |
| Bżar (ħelu u mhux) (*Capsicum* spp.) | 0709 60 10; ex 0709 60 99; | 20 | L-Eġittu (EG) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (9) | 10 |
| *(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | 0710 80 51; ex 0710 80 59 | 20 | | | |
| Weraq tal-betel (*Piper betle* L.) *(Ikel)* | ex 1404 90 00 | 10 | L-Indja (IN) | Salmonella (10) | 10 |
| Żerriegħa tal-ġulġlien *(Ikel — frisk jew imkessaħ)* | 1207 40 90 | | L-Indja (IN) | Salmonella (10) | 20 |
| — *Capsicum annuum*, sħiħ | — 0904 21 10 | | L-Indja (IN) | Aflatossini | 10 |
| — *Capsicum annuum*, imfarrak jew mitħun | — ex 0904 22 00 | 10 | | | |
| — Frott imnixxef tal-ġeneru *Capsicum*, sħiħ, għajr bżar ħelu (*Capsicum annuum*) | — 0904 21 90 | | | | |
| — Noċemuskata (Myristica fragrans) | — 0908 11 00; 0908 12 00 | | | | |
| *(Ikel — ħwawar imnixxfin)* | | | | | |

| Għalf u ikel (l-użu maħsub) | Kodiċi NM [1] | Sottodivi-żjoni TARIC | Il-pajjiż tal-oriġini | Periklu | Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u dwar l-identità u (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Enzimi; enzimi ppreparati<br>*(Għalf u ikel)* | 3507 | | L-Indja (IN) | Kloramfenikol | 50 |
| — Noċemuskata (Myristica fragrans)<br>*(Ikel — ħwawar imnixxfin)* | — 0908 11 00;<br>0908 12 00 | | L-Indoneżja (ID) | Aflatossini | 20 |
| — Piżelli bil-miżwed (bil-qoxra)<br>— Fażola bil-miżwed (bil-qoxra)<br>*(Ikel — frisk jew imkessaħ)* | — ex 0708 10 00<br>— ex 0708 20 00 | 40<br>40 | Il-Kenja (KE) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [11] | 10 |
| Nagħniegħ<br>*(Ikel — ħxejjex aromatiċi friski jew imkessħa)* | ex 1211 90 86 | 30 | Il-Marokk (MA) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [12] | 10 |
| Fażola mnixxfa<br>*(Ikel)* | 0713 39 00 | | In-Niġerja (NG) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [13] | 50 |
| Għeneb tal-mejda<br>*(Ikel — frisk)* | 0806 10 10 | | Il-Perù (PE) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [14] | 10 |
| Dulliegħ (*Egusi, Citrullus lanatus*) żrieragħ u prodotti derivati<br>*(Ikel)* | ex 1207 70 00;<br>ex 1106 30 90;<br>ex 2008 99 99 | 10<br>30<br>50 | Sjerra Leone (SL) | Aflatossini | 50 |
| — Karawett, fil-qoxra<br>— Karawett, bla qoxra,<br>— Butir tal-karawett<br>— Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor<br>*(Għalf u ikel)* | — 1202 41 00<br>— 1202 42 00<br>— 2008 11 10<br>— 2008 11 91;<br>2008 11 96;<br>2008 11 98 | | Is-Sudan (SD) | Aflatossini | 50 |

| Għalf u ikel (l-użu maħsub) | Kodiċi NM [1] | Sottodiviżjoni TARIC | Il-pajjiż tal-oriġini | Periklu | Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u dwar l-identità u (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Bżar (għajr dak ħelu) (*Capsicum* spp.)<br>*(Ikel — frisk jew imkessaħ)* | ex 0709 60 99 | 20 | It-Tajlandja (TH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [15] | 10 |
| Weraq tal-betel (*Piper betle* L.)<br>*(Ikel)* | ex 1404 90 00 | 10 | It-Tajlandja (TH) | Salmonella [10] | 10 |
| — Weraq tal-kosbor<br>— Ħabaq (sagru, ħelu)<br>— Nagħniegħ<br>*(Ikel — ħxejjex aromatiċi friski jew imkessħa)* | — ex 0709 99 90<br>— ex 1211 90 86<br>— ex 1211 90 86 | 72<br>20<br>30 | It-Tajlandja (TH) | Salmonella [10] | 10 |
| — Weraq tal-kosbor<br>— Ħabaq (sagru, ħelu)<br>*(Ikel — ħxejjex aromatiċi friski jew imkessħa)* | — ex 0709 99 90<br>— ex 1211 90 86 | 72<br>20 | It-Tajlandja (TH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [16] | 10 |
| — Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*)<br>— Brunġiel<br>*(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — ex 0708 20 00; ex 0710 22 00<br>— 0709 30 00; ex 0710 80 95 | 10<br>10<br>72 | It-Tajlandja (TH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [16] | 20 |
| Berquq imnixxef<br>*(Ikel)* | 0813 10 00 | | It-Turkija (TR) | Sulfiti [17] | 10 |
| — Bżar Ħelu (*Capsicum annuum*)<br>*(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — 0709 60 10; 0710 80 51 | | It-Turkija (TR) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [18] | 10 |
| Weraq tad-dielja<br>*(Ikel)* | ex 2008 99 99 | 11; 19 | It-Turkija (TR) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [19] | 10 |

| Għalf u ikel (l-użu maħsub) | Kodiċi NM (1) | Sottodiviżjoni TARIC | Il-pajjiż tal-oriġini | Periklu | Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u dwar l-identità u (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Għeneb imnixxef (frott tad-dielja) *(Ikel)* | 0806 20 | | L-Uzbekistan (UZ) | Okratossin A | 50 |
| — Weraq tal-kosbor<br>— Ħabaq (sagru, ħelu)<br>— Nagħnieġħ<br>— Tursin<br>*(Ikel — ħxejjex aromatiċi friski jew imkessħa)* | — ex 0709 99 90<br>— ex 1211 90 86<br>— 1ex2 11 90 86<br>— ex 0709 99 90 | 72<br>20<br>30<br>40 | Il-Vjetnam (VN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (20) | 20 |
| — Frott tad-dragun<br>— Okra<br>— Bżar (għajr dak ħelu) (*Capsicum* spp.)<br>*(Ikel — frisk jew imkessaħ)* | — ex 0810 90 20<br>— ex 0709 99 90<br>— ex 0709 60 99 | 10<br>20<br>20 | Il-Vjetnam (VN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (20) | 20 |

(1) Fejn ikun meħtieġ li jiġu eżaminati biss ċerti prodotti skont kull kodiċi NM u ma tkun teżisti l-ebda sottodiviżjoni speċifika skont dak il-kodiċi, il-kodiċi NM jiġi mmarkat 'ex'.

(2) B'mod partikolari r-residwi ta': Karbofuran (l-ammont totali ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espress bħala karbofuran), klorbufam, Dimetoat (l-ammont totali ta' dimetoat u ometoat espress bħala dimetoat).

(3) B'mod partikolari r-residwi ta': Karbofuran (l-ammont totali ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espress bħala karbofuran), Eżakonażol, Fentoat, Triadimefon u Triadimenol (l-ammont totali ta' triadimefon u triadimenol).

(4) Speċijiet ta' *Brassica oleracea* L. convar. botrytis (L) Alef var.italica Plenck, kultivar alboglabra. Magħrufa wkoll bħala 'Kai Lan', 'Gai Lan', 'Gailan', 'Kailan', 'Chinese bare Jielan'.

(5) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Klorfenapir, Fipronil (l-ammont totali ta' fipronil + metabolit tas-sulfan (MB46136) espress bħala fipronil), Karbendażim u benomil (l-ammont totali ta' benomil u karbendażim espress bħala karbendażim), Aċetamiprid, Dimetomorf u Propikonażol.

(6) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Buprofeżin; Imidakloprid; Fenvalerat u Esfenvalerat (l-ammont totali ta' isomeri RS u SR); Profenofos; Trifluralina; Triażofos; Triadimefon u Triadimenol (l-ammont totali ta' triadimefon u triadimenol), Ċipermetrina (ċipermetrina li tinkludi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (l-ammont totali ta' isomeri)).

(7) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Amitraż (amitraż inklużi l-metaboliti li fihom il-grupp 2,4 -dimetilanilina espress bħala amitraż), Aċefat, Aldikarb (l-ammont totali ta' aldikarb, is-sulfossidu tiegħu u s-sulfon tiegħu, espress bħala aldikarb), Karbendażim u benomil (l-ammont totali ta' benomil u karbendażim espress bħala karbendażim), Klorfenapir, Klorpirifos, Ditijokarbamati (ditijokarbamati espressi bħala $CS_2$, inklużi maneb, mankożeb, metiram, propineb, tiram u żiram), Diafentijuron, Diażinon, Diklorvos, Dikofol (l-ammont totali tal-isomeri p, p′ u o,p′), Dimetoat (l-ammont totali ta' dimetoat u ometoat espress bħala dimetoat), Endosulfan (l-ammont totali ta' isomeri alfa u beta u endosulfan-sulfat espress bħala endosulfan), Fenamidon, Imidakloprid, Malatijon (l-ammont totali ta' malatijon u malaosson espress bħala malatijon), Metamidofos, Metijokarb (l-ammont totali ta' metijokarb u sulfossidu tal-metijokarb u sulfon, espress bħala metijokarb), Metomil u Tijodikarb (l-ammont totali ta' metomil u tijodikarb espress bħala metomil), Monokrotofos, Ossamil, Profenofos, Propikonażol, Tijabendażol, Tijakloprid.

(8) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Karbendażim u benomil (l-ammont totali ta' benomil u karbendażim espress bħala karbendażim), Ċiflutrin (ċiflutrin inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (l-ammont totali ta' isomeri)) Ċiprodinil, Diażinon, Dimetoat (l-ammont totali ta' dimetoat u ometoat espress bħala dimetoat), Etijon, Fenitrotijon, Fenpropatrina, Fludiossonil, Eżaflumuron, Lambda-ċjalotrina, Metijokarb (l-ammont totali ta' metijokarb u sulfossidu tal-metijokarb u sulfon, espress bħala metijokarb), Metomil u Tijodikarb (l-ammont totali ta' metomil u tijodikarb espress bħala metomil), Ossamil, Pentoat, Tijofanat-metil.

(9) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Karbofuran (l-ammont totali ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espress bħala karbofuran), Klorpirifos, Ċipermetrina (ċipermetrina inklużi taħlitiet ta' isomeri kostitwenti (l-ammont totali ta' isomeri)), Ċiprokonażol, Dikofol (l-ammont totali ta' isomeri p, p′ u o,p′), Difenokonażol, Dinotefuran, Etijon, Flusilażol, Folpet, Prokloraż (l-ammont totali ta' prokloraż u l-metaboliti tiegħu li fihom il-grupp 2,4,6-Triklorofenol espress bħala prokloraż), Profenofos, Propikonażol, Tijofanat-metil u Triforina.

(10) Il-metodu ta' referenza EN/ISO 6579 jew metodu validat meta mqabbel miegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

(11) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Dimetoat (l-ammont totali ta' dimetoat u ometoat espress bħala dimetoat), Klorpirifos, Aċefat, Metamidofos, Metomil u Tijodikarb (l-ammont totali ta' metomil u tijodikarb espress bħala metomil), Diafentjuron, Indossakarb bħala somma tal-isomeri S u R.

(12) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Klorpirifos, Ċipermetrina (ċipermetrina inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (l-ammont totali ta' isomeri)), Dimetoat (l-ammont totali ta' dimetoat u ometoat espress bħala dimetoat), Endosulfan (l-ammont totali ta' isomeri alfa u beta u endosulfan-sulfat espress bħala endosulfan), Eżakonażol, Paratijon-metil (l-ammont totali ta' Paratijon-metil u paraosson-metil espress bħala Paratijon-metil), Metomil u Tijodikarb (l-ammont totali ta' metomil u tijodikarb espress bħala metomil), Flutrijafol, Karbendażim u benomil (l-ammont totali ta' benomil u karbendażim espress bħala karbendażim), Flubendijammid, Miklobutanil, Malatijon (l-ammont totali ta' malatijon u malaosson espress bħala malatijon).

([13]) B'mod partikolari, ir-residwi ta' Diklorvos.

([14]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Dinikonażol, Etefon u Metomil u Tijodikarb (l-ammont totali ta' metomil u tijodikarb espress bħala metomil).

([15]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Karbofuran (l-ammont totali ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espress bħala karbofuran), Metomil u Tijodikarb (l-ammont totali ta' metomil u tijodikarb espress bħala metomil), Dimetoat (l-ammont totali ta' dimetoat u ometoat espress bħala dimetoat), Triażofos, Malatijon (l-ammont totali ta' malatijon u malaosson espress bħala malatijon), Profenofos, Protijofos, Etijon, Karbendażim u benomil (l-ammont totali ta' benomil u karbendażim espress bħala karbendażim), Triforina, Proċimidon, Formetanat: L-ammont totali ta' formetanat u l-imluħ tiegħu espress bħala (kloridrat tal-)formetanat.

([16]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Aċefat, Karbaril, Karbendażim u benomil (l-ammont totali ta' benomil u karbendażim espress bħala karbendażim), Karbofuran (l-ammont totali ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espress bħala karbofuran), Klorpirifos, Klorpirifos-metil, Dimetoat (l-ammont totali ta' dimetoat u ometoat espress bħala dimetoat), Etijon, Malatijon (l-ammont totali ta' malatijon u malaosson espress bħala malatijon), Metalassil u metalassil-M (metalassil inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti inkluż il-metalassil-M (l-ammont totali ta' isomeri)), Metamidofos, Metomil u Tijodikarb (l-ammont totali ta' metomil u tijodikarb espress bħala metomil), Monokrotofos, Profenofos, Protijofos, Kwinalfos, Triadimefon u Triadimenol (l-ammont totali ta' triadimefon u triadimenol) Triażofos, Dikrotofos, EPN, Triforina.

([17]) Metodi ta' referenza: EN 1988-1:1998, EN 1988-2:1998 jew ISO 5522:1981.

([18]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Metomil u Tijodikarb (l-ammont totali ta' metomil u tijodikarb espress bħala metomil), Ossamil, Karbendażim u benomil (l-ammont totali ta' benomil u karbendażim espress bħala karbendażim), Klofenteżin, Diafentjuron, Dimetoat (l-ammont totali ta' dimetoat u ometoat espress bħala dimetoat), Formetanat: L-ammont totali ta' formetanat u l-imluħ tiegħu espress bħala (kloridrat tal-)formetanat, Malatijon (l-ammont totali ta' malatijon u malaosson espress bħala malatijon), Proċimidon, Tetradifon, Tijofanat-metil.

([19]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Ażossistrobin, Boskalid, Klorpirifos, Ditijokarbamati (ditijokarbamati espressi bħala $CS_2$, inklużi maneb, mankożeb, metiram, propineb, tiram u żiram), Endosulfan (l-ammont totali ta' isomeri alfa- u beta- u endosulfan-sulfat espress bħala endosulfan), Kresoksim-metil, Lambda-ċjalotrina, Metalassil u metalassil-M (metalassil li jinkludi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti li jinkludu l-metalassil-M (l-ammont totali ta' isomeri)), Metossifenożid, Metrafenonu, Miklobutanil, Penkonażol, Piraklostrobin, Pirimetanil, Triadimefon u Triadimenol (l-ammont totali ta' triadimefon u triadimenol), Triflossistrobin.

([20]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Karbofuran (l-ammont totali ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espress bħala karbofuran), Karbendażim u benomil (l-ammont totali ta' benomil u karbendażim espress bħala karbendażim), Klorpirifos, Ditijokarbamati (ditijokarbamati espressi bħala $CS_2$, inklużi maneb, mankożeb, metiram, propineb, tiram u żiram), Profenofos, Permetrina (l-ammont totali ta' isomeri), Eżakonażol, Difenokonażol, Propikonażol, Fipronil (l-ammont totali ta' fipronil + metabolita tas-sulfon (MB46136) espress bħala fipronil), Propargit, Flusilażol, Fentoat, Ċipermetrina (ċipermetrina inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (l-ammont totali ta' isomeri)), Metomil u Tijodikarb (l-ammont totali ta' metomil u tijodikarb espress bħala metomil), Kwinalfos, Penċikuron, Metidatijon, Dimetoat (l-ammont totali ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Fenbukonażol".